**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 04/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 22/03/2012 fis-7.00pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti |
| Darmanin Richard | Assenti |
| Fenech Stephanie | Preżenti |
| Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| Pace Darrell | Preżenti |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba mard |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 03/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | | Il-Kunsill innota li l-Kunsillier Pace kien skużat u mhux assenti fil-laqgħa preċedenti. | | |
| | 03.10.3 | Minflok 'April', jidħol ix-xahar ta' 'Marzu'. | | |
| | 03.10.14 | Minflok il-kelma 'kompetizzjoni' tidħol il-kelma 'attivita'. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | 03.2.6 | Sindku: Traffic Management Triq Strejnu - Proġett 313 Leader | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li t-TM ingħataw it-traffic management ta' l-inħawi ta' Triq Strejnu. Seychell staqsa jekk it-traffic hux ser jibqa' two-way. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Sindku |
| 04. 2. 2 | 03.2.9 | Viċi-Sindku: Laqgħa | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li hi ltaqgħet ma' rappreżentant tas-Social Welfare li faħħar il-binja tac-Child Day Care Centre u qalet li dan iċ-ċentru ser ikun wieħed mill-isbaħ. | Viċi-Sindku |
| 04. 2. 3 | 03.2.11 | Sindku: Monti | Is-Sindku spjega li l-postijiet tas-Suq kienu imtlew kollha u kif titlesta t-tieni fażi ta' Misraħ Indipendenza naċċertaw li ma jkunx hemm posti battala. | Sindku |
| 04. 2. 4 | 03.2.13 | Segretarjat: Audit | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li nhar it-29 ta' Frar sar l-audit. S'issa l-awdituri għadhom jibgħatu permezz ta' l-email għal aktar dokumenti. Min-naħa tal-Kunsill, il-queries kollha li kien hemm sal-lum, twieġbu kollha. L-awditur qed jinsisti li għandu ċans sat-30 ta' April biex jgħaddilna l-audit adjustments filwaqt li sat-2 ta' Mejju l-audited financial reports iridu jkunu jottomessi l-NAO. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ta' min jgħid li wara li l-awditur jgħaddi l-audit adjustments lis-Segretarju, dawn iridu jiġu aġġustati mill-accountant u ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill. F'dan id-dawl il-Kunsill qabel li s-Segretarju għandu jitkellem mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex kollo jintemm sat-2 ta' Mejju min-naħa ta' l-Awdituri. | |
| 04. 2. 5 | 03.2.14 | Sindku: Rotta 29 | Is-Sindku spjega lill-Kunsill li r-residenti tar-raħal f'isfel infurmajniehom li għadna qed nistennew li jerġa' jkollna r-rotta 29. Camilleri qal li kandidat prospettiv għall-elezzjoni li jmiss, Joe Sammut, qed jibgħat ittri lin-nies fejn qed jgħid li qed isegwi dan il-każ mill-qrib sabiex ir-rotta terġa' issir. Il-Kunsillier Pace spjega li fit-13 ta' Mejju ser isir xi tibdil fir-rotot u r-rotta ta' GSM ser tkun inkluża f'dan it-tibdil. S'issa għadna ma nafux jekk hux ser issir rotta ġdida jew tiġi amalgamata ma' rotta eżistenti. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser jibqa' jinsisti dwar ir-rotta l-antika nru. 29 u talab laqgħa dwar dan ma' Transport Malta.<br><br>Is-Sindku kompla jgħid li s-Sur George Cutajar li kien il-persuna li tieħu ħsieb ir-rotot, wassal messaġġ li r-rotta 29 ser terġa' tidħol fis-seħħ f'April 2012 u din permezz tal-helper buses.<br>Seychell ġibed l-attenzjoni li reġa' sar il-bus stop li kien tneħħa minn Triq il-Qadi. Camilleri ikkumenta dwar ir-rotot ta' l-isptar (206 u 210) peress li dawn minflok iwaqqfu lill-pazjenti fejn l-Outpatients, iwaqqfu fejn id-Day Care. Hu qal li dan mhux aċċettabbli għall-anzjani. **Il-Kunsill qabel li għandu jitlob rotta għal St. Lukes u Junior College fuq talba ġenerali tal-pubbliku.**<br>Fenech staqsiet jekk isir parking fil-parking bays fejn il-bus stops bħal Misraħ C. Diacono u fejn San Girgor, tkunx qed tinkiser il-liġi. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |
| 04. 2. 6 | 03.3.1 | MEPA: PA444/12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permessi tal-garaxxijiet taħt il-livell tat-triq qed joħolqu problemi kbar ta' għad-dħul u ħruġ tal-vetturi u għandna niktbu lill-MEPA dwar dan. | Sindku |
| 04. 2. 7 | 03.3.2 | MEPA: PA458/12 | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-objections tal-Kunsill ġew irċevuti mill-MEPA u għaddew lill-persuni konċernati. | Sindku |
| 04. 2. 8 | 03.3.8 | Sindku: JP Memorial Festival 2012 | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Seychell sabiex isegwi l-korrispondenza ta' JP Memorial Festival 2012. | Seychell |
| 04. 2. 9 | 03.3.9 | Fenech: Żjara miż-żgħażagħ fil-Parlament | Fenech infurmat lill-Kunsill li s'issa għadha ma ngħatatx data meta ż-żgħażagh ser jagħmlu żjara fil-Parlament. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 10 | 03.3.10 | Segretarjat: Skema ta' l-ETC | Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ngħatajna 2 ħaddiema minn skema ta' l-ETC iżda wieħed minnhom. tneħħa peress li ma setax ikompli mal-Kunsill minħabba r-relief. L-ieħor Consiglio Cumbo qed jagħmel xogħol assenjat mill-Kunsill. | Segretarjat |
| 04. | 2. | 11 | 03.3.11 | Sindku: Skema ta' l-ETC | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tiċċekkja jekk l-iskema ta' l-ETC għal carer għal persuni b'diżabilita' għadhiex fis-seħħ. | Viċi-Sindku |
| 04. | 2. | 12 | 03.3.12 | Sindku: Żjara Ambaxxatur Spanjol | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu fl-10am jiltaqgħu ma' l-Ambaxxatur Spanjol ġewwa l-Kunsill Lokali. **Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Sandro Debono dwar il-pubblikazzjoni li kellha ssir mill-Ambaxxatriċi preċedenti.** | Sindku |
| 04. | 2. | 13 | 03.4.71 | Viċi-Sindku:Ġbir ta' skart | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li illum kien hawn nuqqas ta' ġbir ta' skart minn Triq Luqa Briffa filwaqt li s-Segretarjat qal li qed jidħlulu ħafna ilmenti dwar in-nuqqas ta' ġbir ta' skart mill-isqaqien. Dan minkejja li nġibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur. Seychell innota li wara li sar il-ġbir ta' skart minn Triq Ħabel ix-Xgħir, sar knis għal dak l-iskart imwaqqa' fit-triq. Is-Sindku spjega li hemm problemi biex titħaddem is-sistema tal-green wardens. | Sindku |
| 04. | 2. | 14 | 03.10.1 | Camilleri: Triq Ħal Tarxien | Camilleri staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li sar protest ġudizjarju mill-Avukat tal-Kunsill. Diġa' saret laqgħa ġewwa TM f'dan ir-rigward. Nistennew min-naħa ta' TM għall-laqgħa magħhom. | Sindku |
| 04. | 2. | 15 | 03.10.2 | Seychell: Attivita' Ġieh iż-Żejtun | Seychell irraporta lill-Kunsill li kemm is-serata ta' Ġieh iż-Żejtun kif ukoll is-seminar kienu attivitajiet tajbin. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni sabiex għal sena oħra isir il-flyer kif sar fis-snin preċedenti, tittella' l-bandiera mal-mafkar tal-Kunsill u jitranġaw ir-regolamenti fejn ikun ċar li l-Ġieh ma jingħatax post-mortem. | Seychell |
| 04. | 2. | 15 i | | Viċi-Sindku: Sports Fair għal Jum iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku rrimarkat sabiex il-posters ta' l-attivitajiet tal-Kunsill ikunu ppubblikati bil-logo tal-Kunsill u bħala proċedura tintbagħat kopja tal-posters lill-Kunsilliera. Is-Sindku irrimarka li meta attivita tkun qed issir f'isem il-Kunsill dan għandu jkun ċar f'kull pubbliċita' li ssir. | Fenech |
| 04. | 2. | 16 | 03.10.3 | Fenech: Vjal 25 ta' Novembru | Fenech staqsiet dwar iż-żbir tas-siġar ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li hemm problema ta' estetika u ta' safety. Camilleri talab sabiex isir extensive patching quddiem il-pompa tal-petrol fi Vjal 25 ta' Novembru. | Sindku<br>Hales |
| 04. | 2. | 17 | 03.10.4 | Sindku: Traffic Lights Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku spjega li l-problema ta' dewmien tat-traffic lights fi Vjal 25 ta' Novembru tqajjmet dal-għodu waqt il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru. | Darmanin |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 18 | 03.10.7 | Segretarjat: Kwotazzjoni għal madum non slip | Is-Segretarjat ipprezenta lill-Kunsill kwotazzjoni għal madum non slip għar-rampa tal-latrina ta' Misraħ ir-Repubbllika għall-prezz ta' €233 mingħand Alex Mercieca Bathrooms. **Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.** | Hales |
| 04. | 2. | 19 | 03.10.8 | Segretarjat: Kwotazzjoni Tabelli - Proibizzjoni ta' tipjip fil-playgrounds | Is-Segretarjat ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għal tabelli ta' proibizzjoni ta' tipjip fil-playgrounds għall-prezz ta' €55 -il waħda. **Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja safejn huma l-boundaries ta' fejn ma jistax isir tipjip skond l-avviż legali.** | Hales |
| 04. | 2. | 20 | 03.10.17 | Seychell: Ġnien Brejġu | Seychell ikkonferma li d-dawl ta' Ġnien Brejgu qed jibqa' mixgħul. Seychell staqsa jekk kienx hemm progress dwar l-ilma fl-underground bring-in site ta' Ġnien Brejġu. Is-Sindku spjega li għalkemm ma kienx hemm żviluppi, l-iskart tal-madwar qed jinġabar. | Sindku |
| 04. | 2. | 21 | 03.10.14 | Fenech: Attivita' Fotografika | Fenech għarrfet lill-Kunsill li l-paġna ta' facebook infetħet u diġa' bdew jintefgħu xi ritratti. | Fenech |
| 04. | 2. | 22 | | Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku talab sabiex il-website tal-Kunsill tkun updated u jittellgħu r-ritratti ta' l-attivita' Ġieh iż-Żejtun. | Segretarjat |

**04. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 3. | 1 | 01 | MEPA: PA00651/12 | **Il-Kunsill qabel li joġġezzjona għal gaming parlour f'50, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill. Dan jinsab fil-viċinanzi tal-Knisja.** | Sindku |
| 04. | 3. | 2 | 07 | M. Galea: Mera Milquta fi Triq San Girgor | Is-Sur Galea ħallas lill-Kunsill €50 tal-mera li laqat fi Triq San Girgor. | Sindku<br>Darmanin |
| 04. | 3. | 3 | 09 | Ryan Spiteri: Danni fuq il-vettura fi Triq il-Ħuxlief | Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa' saret spezzjoni minnu u mill-Kunsillier Darmanin dwar il-claim tas-Sur Spiteri fit-tyres tal-vettura tiegħu minħabba ħofor fi Triq il-Ħuxlief. | Sindku<br>Darmanin |
| 04. | 3. | 4 | 12 | Awtorita' tad-Djar: Konferenza Stampa | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tattendi għall-Konferenza Stampa li ser issir mill-Awtorita' tad-Djar nhar il-11 ta' April fid-9.30am fil-Qasam tal-Bini tad-Gvern tal-Gudja. | Viċi-Sindku |
| 04. | 3. | 5 | 13 | Dun E. Overend: Bollards quddiem il-Knisja | **Il-Kunsill qabel li dawn il-bollards mitluba għandhom isiru u jkunu responsabilta' tal-Knisja.** | |

**04. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 04/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 i | 20 | Is-Segretarjat diga' bagħat kopja tal-kont kif ukoll kopja tal-bill of quantities ta' kif intefgħet it-tender lill-Awtorita' tad-Djar. Ser issir spezzjoni fuq il-post tax-xogħlijiet li saru. **Il-Kunsill qabel li hekk kif il-Kunsill ikollu ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit u l-flus mill-istess Aworita', il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jħallas lis-Sur Mifsud.** | | |
| 04. 4. 2 ii | 51 | **Il-Kunsill qabel li l-kont tal-WasteServ għat-tipping fees, jitħallas skond l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali.** | | |
| 04. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 03/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħhlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**04. 5. Tenders u Kwotazzjonijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | 03.2.9 | Tender: Public Private Partnership | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nħarġet it-tender tal-public private partnership biex isiru t-toroq f'batch 2 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fil-Malta Independent hekk kif stipulat bil-liġi. Din inġabret minn żewġ kuntratturi: Philip Agius & Sons u J & J Schembri. L-unika offerta li ntefgħet kienet dik ta' J & J Schembri. Peress li l-prezzijiet offruti minn J & J Schembri huma għola mill-estimi tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-Kuntrattur. | |
| 04. 5. 2 | 03.2.9 | Tender: Xiri ta' apparat għac-Child Day Care Centre | Inġabru seba' tenders għal xiri ta' apparat għaċ-Child Day Care Centre iżda intefgħu erbgħa. L-offerti kienu mingħand: Opal, M Quip, S & R Services u Joseph Farrugia. Ser jiltaqa' l-adjudicating board sabiex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. | |
| 04. 5. 3 | | Kwotazzjoni 08/2012 - Tqegħid ta' Konkos | **Il-Kunsill evalwa il-kwotazzjonijiet li daħlu li b'kollox kienu erbgħa u qabel nem.con li l-kwotazzjoni tingħata lil Saliba Bros - (l-orħos offerta).** | |
| 04. 5. 4 | | Kwotazzjonijiet 02, 03, 04, 05/2012 - Bini ta' Ħitan | **Għal dawn il-kwotazzjonijiet daħlu ħames offerti. Il-Kunsill qabel nem.con li din il-kwotazzjoni għandha tingħata lil CMG Developers Ltd - (l-orħos offerta).** | |
| 04. 5. 5 | | Kwotazzjonijiet 06, 07, 09, 10/2012 - Bini ta' Bankini | **Il-Kunsill evalwa il-ħames offerti li daħlu u qabel nem.con li din il-kwotazzjoni għandha tingħata lil Grezzju Ellul - (l-orħos offerta).** | |
| 04. 5. 6 | | Kwotazzjoni 01/12 - Trasport ta' ħamrija jew skart ta' kostruzzjoni għal kull truck ta' 12 -il tunnellata | **Għal din il-kwotazzjoni il-Kunsill irċieva 5 offerti u qabel nem.con li din il-kwotazzjoni għandha tingħata lil Grezzju Ellul - (l-orħos offerta).** | |

**04. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 1 | | Camilleri:- Self ta' kotba mil-librerija pubblika | Camilleri ta lista sħiħa ta' ċifri ta' kotba li ġew mislufa tul is-sena kalendarja 2011 xahar b'xahar. L-ammont totali kien ta' 14,781 b'żieda ta' 655 fuq is-sena l-oħra. Is-Sindku talab għal statistika ta' self ta' kotba mil-librerija minn kemm il-librerija ilha f'idejn il-Kunsill. Camilleri informa lill-Kunsill li bħalissa qed isiru kuntatti biex jiżdied l-ixkaffar fil-librerija. | Camilleri |
| 04. 9. 2 | | Sindku: Dar perikoluza fi Triq San Alfonsu | B'dispjaċir is-Sindku innota li fil-laqgħa pubblika tas-sena l-oħra s-Sinjura Annie Zammit kienet ġibdet l-attenzjoni dwar dar perikoluża fi Triq San Alfonsu k/m Triq il-Madonna tal-Ħniena. S'issa s-sitwazzjoni baqgħet l-istess iżda is-Sindku jħoss li xi ħadd hemm bżonn li jerfa' r-responsabbilta' ta' dan il-periklu. Għandna nisħqu mal-pulizija biex il-każ ma jintesiex. | |
| 04. 9. 3 | | Fenech: Ħsarat fuq il-funtana f'Ġebel San Martin | Fenech staqsiet jekk il-funtana ta' Ġebel San Martin għandhiex xi ħsarat. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Sindku |
| 04. 9. 4 | | Pace: Patching | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex isir patching fi Triq John Borg k/m Triq Melchiorre Gafa'. Is-Sindku spjega li flimkien ma' din it-triq, ser isiru ħofor fi Triq Bormla u Triq M'Xlokk. Il-Kunsillier Pace staqsa x'kien ġara mill-offerta ta' Sicily Malta. Is-Sindku qal li dan il-kuntrattur ġie avviċinat iżda qatt ma ġie l-Kunsill. | Sindku |
| 04. 9. 5 | | Camilleri:- Mera tat-traffiku | **Camilleri talab sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq il-Qadi k/m Triq id-Daħla ta' San Tumas peress li hemm blind corner u hi diffiċli biex tara l-vetturi li jkunu ġejjin mir-Ramla. Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Sindku<br>Darmanin |
| 04. 9. 6 | | Camilleri: Sewqan eċċessiv Triq il-Qadi | **Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar sewqan eċċessiv li qed isir fi Triq il-Qadi. Is-Sindku spjega li s-sleeping policemen isiru biss f'kantunieri perikolużi.** | Sindku<br>Darmanin |
| 04. 9. 7 | | Camilleri: Fanali antiki | Camilleri staqsa jekk instabx ħaddied biex jaħdem fanali tad-dawl. Dan sabiex tintlaqa' t-talba għal fanal ġdid fi Triq Santa Luċija. Is-Sindku spjega li għadha kemm saritlu proposta għall-fanali antiki għal madwar €300 -il wieħed. Hu spjega li din il-proposta għadha qegħda tiġi evalwata u jekk din tiġi aċċettata, jinbidlu l-fanali ta' Triq San'Anġlu u iktar tard jinbidlu dawk ta' l-area tal-Gwiedi u b'hekk il-fanali li jinqalgħu minn Triq Sant'Anġlu jitwaħħlu fejn għandna t-talba għalihom. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9. 8 | Camilleri: Zebra Crossing fi Triq il-Qadi | Camilleri staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar iz-zebra crossing fi Triq il-Qadi minn TM. Il-Viċi-Sindku spjegat li t-TM issuġġeriet li z-zebra crossing issir ftit 'l fuq minn Dennis Ironmongery peress li quddiem St. Catherine Pharmacy hemm wisq periklu għal pedestrians. | Sindku Darmanin |
| 04. 9. 9 | Camilleri: Triq Nikol Attard | Camilleri staqsa jekk Triq Nikol Attard ingħatatx lill-TM sabiex din tingħalaq. Camilleri talab ukoll sabiex jitneħħa l-arblu li hemm f'nofs it-triq. Il-Viċi-Sindku spjegat li TM issuġeriet li jsir bollard kif ukoll kaxxa li jindika li ma jistax isir parkeġġ. Is-Sindku talab sabiex ninfurmaw lir-residenti b'dan il-ħsieb u niktbu lill-Enemalta dwar l-arblu. | Sindku Darmanin |
| 04. 9. 10 | Camilleri: Stop Sign | Camilleri fakkar sabiex issir l-istop sign fi Triq Ħubbejza k/m Triq Marrubja. | Sindku Darmanin |
| 04. 9. 11 | Camilleri: Problema ta' parkeġġ | Camilleri semma l-problema ta' parkeġġ li qed ikun hemm fl-akwati ta' Triq Falkunier. Dan minħabba coaches, trailers u dgħajjes ipparkajti fit-triq. Is-Sindku spjega li Cancu Supreme kien applika biex jingħata post alternattiv iżda s'issa bla riżultat. | Sindku Darmanin |
| 04. 9. 12 | Fenech: Attivitajiet Sportivi | **Il-Kunsill approva li jsiru sensiela ta' attivitajiet sportivi (beach games, trekking, orienteering, night hike, high ropes u treature hunt) għal tfal ta' bejn it-12 u l-14 -il sena kull nhar ta' Sibt spazjati kull tliet ġimgħat. Dawn l-attivitajiet ser isiru minn żewġ instructors tal-KMS. Għandu jkun ċar f'kull pubbliċita' li dawn huma attivitajiet organizzati mill-Kunsill.** | Fenech |
| 04. 9. 13 | Sindku: Road Markings | **Il-Kunsill approva li jsiru r-road markings, li jsiru ta' kull sena, qabel il-ġimgħa l-kbira kif ukoll sabiex isiru stop signs f'Ġebel San Martin.** | Darmanin |
| 9. 14 | Seychell: Attivita' Vittmi tal-Gwerra | Seychell talab il-Kunsill meta issir l-attivita' annwali tal-vittmi tal-gwerra. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir nhar il-Ħadd ~~30~~ 29 ta' April. | Seychell |
| 04. 9. 15 | Seychell: Arblu f'Wesgħa 5 t'Ottubru | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar arblu tad-dawl f'Wesgħa 5 t'Ottubru li għandu bżonn jiċċaqlaq peress li hemm parti f'din il-wesgħa mitfija. Is-Sindku spjega li jkun aħjar jekk jiżdied arblu ieħor. | Sindku |
| 04. 9. 16 | Pace: Permessi ta' xogħol nhar ta' Erbgħa | Il-Kunsillier Pace staqsa għaliex kien hemm Triq Ħal Tarxien magħluqa nhar l-Erbgħa peress li dak inhar taħbat il-ġurnata tas-Suq. Is-Sindku spjega li nqalgħet emergenza u l-kumpanija Go kellha bzonn taħdem b'urgenza. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9. 17 | Viċi-Sindku: L-Ewropa bir-roti | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser jibdew isiru attivatijiet darba fix-xahar għall-proġett 'L-Ewropa bir-rota' b'kollaborazzjoni mal-MEUSAC. Nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu ser issir l-ewwel attivita' ġewwa Aviation Museum, Mediterranean Ceramic u Maypole bejn id-9.00am u s-2.00pm. Għal dawn l-attivitajiet qed jinġiebu fondi mill-EU u l-pubbliku mhux ser iħallas. | Viċi-Sindku |
| 04. 9. 18 | Viċi-Sindku: Wirjiet ta' Vari | Il-Kunsill approva l-attivita' annwali tal-wirjiet ta' vari nhar Ħamis ix-Xirka. Prezz €5 Kbar u €3 Tfal. | Viċi-Sindku |
| 04. 9. 19 | Viċi-Sindku: Fuljett ta' attivitajiet | **Il-Kunsill approva li jerġa' jibda joħroġ il-fuljett ta' attivitajiet kull 3 xhur.** Għaldaqstant il-Kunsilliera responsabbli mill-attivitajiet ġew imħeġġa jgħaddu l-attivitajiet lis-Segretarjat. | Segretarjat |
| 04. 9. 20 | Sindku: Għeluq Cirkolu Frerjan | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar l-4 ta' Mejju fiċ-Child Day Care Centre bejn is-7pm u t-8.30pm ser isir l-għeluq ta' Cirkolu Frerjan mill-Prof Karm Borg li jaħdem ħafna fil-qasam ta' l-għana u d-djalett. Wara jkun hemm bibita zgħira. | |
| 04. 9. 21 | Viċi-Sindku: Work Placement | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li sar work placement min-naħa tal-Paragon Europe għal xahar (sa l-14 ta' April) mingħajr ħlas. L-istudent jismu Georg Kren, huwa awstrijak u għandu 17 -il sena. | Viċi-Sindku |
| 04. 9. 22 | Viċi-Sindku: Dawl fi Ġnien iċ-Ċrieki | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħsara fid-dawl ta' Ġnien iċ-Ċrieki. Is-Sindku spjega li ser ikun avviċinat il-kuntrattur Nexos Street Lighting. | Sindku |
| 04. 9. 23 | Viċi-Sindku: Maltemp | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li dak inhar li kien riħ qawwi tar kantun minn fuq Blokk A f'Qasam Ħal Tmiem bil-konsegwenza li dan kisser gallarija u bieb ta' anzjana. **Il-Kunsill qabel li ma jistax jgħin finanzjarament iżda ser jikteb lill-Awtorita' tad-Djar biex jinfurmah bl-inċident.** | Segretarjat |
| 04. 9. 24 | Viċi-Sindku: Notte Bianca/Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tinkiteb ittra lill-Prim Ministru u l-Ministru tat-Turiżmu peress li għal darb'oħra in-Notte Bianca ġiet ippjanata li ssir ma' Żejt iż-Żejtun. Il-Kunsillier Pace spjega li għalkemm kull darba li n-Notte Bianca ħabtet ma' Żejt iż-Żejtun, l-attivita' imtella mill-Kunsill kellha attendenza numeruża. | Viċi-Sindku<br>Segretarjat |
| 04. 9. 25 | Sindku: Ramblers | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-31 ta' Marzu ser nilqgħu lir-Ramblers Association ġewwa l-Kunsill. | Sindku |
| 04. 9. 26 | Sindku: Rapport Sostenibbilta' | Is-Sindku ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport ta' sostenibbilta' fejn ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Hamis, 26 ta' April, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv